MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru. 41/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**MICHELLE BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MICHELLE BORG** ta’ sitta w ghoxrin sena mart Godfrey, bint John Galea u Anna nee Abela, imwielda Pieta nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 1977 u residenti 236, Triq Vincenzo Ciappara, Mellieha, detentrici tal-karta tal-identita numru 489777M giet imressqa quddiemha akkuzata:

1. Talli nhar d-disgha ta' Settembru 2002 ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' filghaxija, f’Marsalforn,

Ghawdex, b’negligenza, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li kienet issuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA 293 w ikkagunat l-mewt ta’ Ines Hamann;

2. talli fl-istess data, lok u hin, b’negligenza, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li kienet issuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA 293 w ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta’ Matthew Smith;

3. talli fl-istess data, lok u hin, b’negligenza, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li kienet issuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DBA 293 w ikkagunat hsara jew hassret jew gharrqet xi haga u cioe hsarat fil-vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni DBD 072 u IAW 607 ghad-dannu ta’ Jennifer Cini u Paola Spiteri rispettivament kif wkoll f’bieb ta’ garaxx tal-fond Valley View, Block B.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija tiskwalifika lil imputata mill-licenzji kollha tas-sewqan taghha ghal mhux inqas minn sena.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Novembru 2003 fejn il-Magistrat sedenti kkonfermat l-esperti kollha nominati fl-istess inkjesta.

Rat wkoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputata ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Lulju 2007 (fol 327).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal atti processwali fis-seduta tal-ewwel ta’ Novembru 2007.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' April 2007 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnax ta' April 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Max Xuereb** (fol 195) w ikkonferma r-ritratti mehuda minnu esibiti fl-atti bhala dokumenti minn MX 1 sa MX 22.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed PS 261 Raymond Caruana** (fol 196) fejn qal li nhar d-disgha ta' Settembru 2002 ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl kien gie nfurmat li kien sehh incident tat-traffiku fi Triq r-Rabat, Marsalforn fejn kien hemm xi nies li kienu wegghu. Qal li mar fuq il-post filwaqt li sejjah ghal ambulanza. Ix-xhud spjega li hemm sab *pick up truck* bin-numru ta' registrazzjoni DBA 293 li kien ghadu kemm laqat zewg persuni, mara u ragel, kif wkoll karozzi ohra li kien hemm. Qal li rrizultalu li Inez Hamman ta' nazzjonalita Germaniza, kienet miexja fit-triq flimkien ma Roy Albert Smith meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBA 293 laqtithom minn wara u Smith ittajjar distanza boghod mit-truck filwaqt li Ines Hamman spiccat taht l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBA 293. Qal li din ittiehdet l-isptar u ftit wara mietet. Ix-xhud gharaf lil imputata presenti fl-awla u qal li dakinhar tal-incident kien kellimha fejn qaltlu li ma tafx kif spiccaw dawn il-persuni quddiemha w infixlet u baqghet diehla fil-karozzi l-ohra. Qaltlu li x'hin laqtithom, infixlet u ma kienetx taf x'ser taghmel u baqghet diehla fil-vetturi l-ohra. Qaltlu wkoll li habta w sabta rathom quddiemha lil dawn in-nies.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed l-allura Spettur Antonello Grech** (fol 198) fejn ikkonferma r-rapport li ghamel lil Magistrat Inkwerenti nhar d-disgha ta'

Settembru 2002 w ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess rapport. Qal li dakinhar tal-incident hu kien gie msejjah biex imur fuq sit fejn kien sehh incident fi Triq r-Rabat, Marsalforn, quddiem l-Crystal Palace, fejn sab li kien hemm tnejn minn nies li kienu feruti. Qal li dawn kienu certa Ines Hamman u Matthew Smith li kienu *pedestrians* u li kienu gew imtajjra minn truck li kien qed jigi misjuq mill-imputata prezenti fl-awla. Qal li fuq il-post kien hemm l-imputata w ir-ragel taghha flimkien ma xi tarbija. Spjega li fuq il-post kkonstatata truck li kien dahal fuq karozza li sussegwentement dahlet f'karozza ohra u finalment f'bieb ta' garaxx. Qal li kien hemm diversi hsarat u demm taht l-istess truck. Qal li wara gie nfurmat li Matthew Smith kien nzamm l-isptar filwaqt li Ines Hamman kienet ingiebet Malta u mat-triq mietet. Qal li meta wasal hu fuq il-post il-vittmi kienu gia ttiehdu l-isptar, ma kienux fuq il-post. Mistoqsi jekk jafx fejn kienu meta ttajjru, ix-xhud wiegeb li bl-ezatt ma setghax jghid, pero mill-investigazzjoni rrizultalu li kienu ezatt taht l-bankina. Qal li pero meta Matthew Smith xehed qal li hu u Ines Hamman kienu fuq il-bankina. Qal li hu kien presenti meta l-imputata kienet qed tigi mitkellma mill-espert tal-Qorti fejn qalet li l-vittmi kienu fit-triq u hi rathom ma wiccha mill-ewwel.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Matthew Smith** (fol 200) fejn qal li dakinhar tad-disgha ta' Settembru 2002 hu kien mat-tfajla tieghu l-mejta Ines Hamman. Qal li kienu telqu mill-appartament Flat 5, Valley View, Block B, Triq r-Rabat, Marsalforn, hargu mill-bieb principali u bdew mexjin 'l isfel fit-triq lejn Marsalforn biex jiehdu *drink*. Qal li meta hargu kien hemm zewg vetturi pparkjati wara xulxin li kienu bejn il-linji bojod li jisseparaw l-area fejn jistghu jipparkjaw il-vetturi.

Kompla jghid li ghaddew l-ewwel karozza minn naha ta' gewwa, dahlu fl-ispazju ta' bejn iz-zewg vetturi, ghaliex t-tieni vettura kienet ipparkjata qrib wisq tal-garaxx u hargu minn mal-gemb taghha biex jghaddu ghat-triq. Qal li ma kienux fuq barra tat-triq, pogga idejh fuq spallejn Ines Hamman u kif kienu mexjin, sehhet kollizzjoni warajhom. Qal li ma semghu ebda *brake*, jew karozza tiskidja, jew

twerzieq ta' *tyre*. Qal li kien hemm kollizzjoni minn naha ta' warajhom w il-karozza li kien ghandhom kemm ghaddew minn hdejha, u kull ma jiftakar li jigi f'sensih ghaxar metri boghod jhares lura lejn fejn sehhet il-kollizzjoni. Qal li kien intilef minn sensih ghal xi zewg minuti jew tlieta. Qal li kif gie f'sensih kien hemm xi hadd li qallu biex ipoggi bil-qeghda fuq targa ghaliex kellu ferita fuq wara ta' rasu u hekk ghamel. Qal li meta hares lura lejn Triq Marsalforn, ra truck li kien wieqaf djagonalment fejn normalment il-vetturi ikunu parkeggjati quddiem il-garaxx.

Qal li Ines Hamman kienet fi stat kritiku u giet mehuda l-isptar generali ta' Ghawdex. Qal li wara ftit ambulanza ohra waslet fuq il-post, gie mpoggi f'*wheel chair*, ghamlulu *neck brace* w ittiehed l-isptar wkoll.

Qal li fl-area fejn kienu mexjin, meta hargu mill-appartament taghhom, kien hemm speci ta' area peress li l-appartament jinsabu fuq l-garaxxijiet. Qal li hemm xi turgien, u *drive ways* ghal gol-garaxxijiet. Qal li huma kienu ser jghaddu mill-ispazju ta' bejn l-ewwel w t-tieni karozza u ma setghux jghaddu minn gewwa ghaliex ma kienx hemm spazju bizzejjed bejn il-karozza u l-entratura tal-garaxx, pero xorta ghaddew 'l gewwa mill-linja l-bajda. Ix-xhud wera lil Qorti fuq il-pjanta redatta mill-Perit Gwido Vella l-post ezatt minn fejn kienu ghaddejjin u l-Qorti mmarkat permezz ta' puntini dan il-post. Qal li l-karozza kienet imbutatta izjed 'l gewwa lejn l-flat mill-karozza li kienet gejja meta sehh l-incident. Qal li kien qisu giet imbuttata bil-*crash* taghha. Qal li l-post immarkat X u Y huma l-post in dezamina.

Ix-xhud kompla jghid li lilu ghamlulu CT Scans u kellu zewg *external hymotomas* fuq rasu u kellu wkoll xi punti. Qal li rizultat ta' dan l-incident tilef s-sens tat-toghma u tax-xamm.

Kompla jispjega li l-incident sehh f'dik il-parti tat-triq provduta bejn il-linji l-bojod w il-quddiem tal-garaxxijiet. Qal li hija area li ma hiex klassifikata bhala parti mit-triq, u dak hu l-post fejn sehh l-incident. Qal li jaf dan ghaliex

ma hemmx indikazzjoni ghal *pedestrians* biex jghaddu b'sikurezza fi Triq r-Rabat lejn Marsalforn.
Rega' spjega li huma kienu ghaddejjin fuq in-naha tax-xellug tat-triq w it-traffiku kien niezel lejn Marsalforn. Qal li ghaddew mill-ispazju ta' bejn karozza pparkjata mal-gemb, li ma jafx f'liema direzzjoni kienet qed thares, u l-garaxx.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 **xehed Dottor Joseph Grech** (fol 203) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti tal-inkjesta.

Illi nhar d-dsatax ta' Frar 2004 **xehed Doctor Safraz Ali** (fol 206) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti u zied jghid li Ines Hamman mietet rizultat ta' *hypo-volumic shock due to multiple injuries following a motor vehicle accident*.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed Doctor Michael Sammut** (fol 214) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti bhala dokument MS, minn fejn ma jirrizultax li kien hemm xi presenza t'alkohol fid-demm tal-mejta Inez Hamman.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed Joseph Zammit** (fol 215) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizultaw is-segwenti:

a. Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2002, ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl l-imputata kienet qed issuq il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni DBA 293 sejra mir-Rabat lejn Marsalforn meta sehh incident awtomobilistiku fejn din baqghet diehla fuq n-naha tax-xellug ta' zewg vetturi li kienu pparkjati quddiem il-fond Valley View, Block B.
b. Illi l-vettura tal-ghamla Subaru J 10, giet milquta mit-Toyota u bid-daqqa din telghet il-bankina u habtet mal-koxxa tal-garaxx imsemmi.
c. Illi minn ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq t-Toyota *pickup*, ma kienx jirrizulta li

l-incident kien gie kagjonat minn xi hsara f'xi sistema minn tieghu billi mill-ezamijiet teknici li ghamel fuq l-imsemmija vettura, wara l-incident, m'instabet l-ebda hsara fuq il-vettura li setghet ikkagjonat l-incident.

d. Illi bhala rizultat ta' dan l-incident mietet persuna u cioe Ines Hamman filwaqt li Matthew Smith sofra offizi ta' natura gravi w anke gew kagjonati danni fil-vettura Subaru J 10 tant li l-vettura giet dikjarata bhala *beyond economical repair*, giet kagjonata hsara fil-fond Block B, Valley View, u giet wkoll kagjonata hsara fuq vettura tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni IAW 607.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehed il-Perit Gwido Vella** (fol 216) fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita fl-atti.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizultaw s-segwenti:

a. Illi fil-post tal-incident kien hemm lampa ta' *street lighnting* imwahhla mal-hajt li kienet tixghel fil-hin li fih sehh l-incident.

b. Illi qrib nofs t-triq kien hemm sinjal wiehed abjad *broken* fl-art.

c. Illi t-*tarmac* kien fi stat tajjeb w t-triq ghandha pendil ta' xi tlieta fil-mija (3%) 'l isfel fid-direzzjoni li fiha kienet miexja l-vettura Toyota misjuqa mill-imputata.

d. Illi qabel tasal fuq il-post tal-incident it-Toyota kellha tghaddi minn parti mit-triq li ghandha liwja (curve) sostanzjali lejn x-xellug. Din il-liwja hija twila xi mija u hamsin metru (150m) w is-sewwieq tat-Toyota ma setghax jara l-post tal-incident waqt li kien qed isuq f'din il-parti tat-triq minhabba fis-sigar maturi li hemm fuq il-gemb tat-triq. F'tarf din il-liwja, t-triq tigi ftit jew wisq dritta.

e. Minn tarf l-liwja sal-post tal-incident hemm distanza ta' xi ghoxrin metru (20m) u f'dan t-tul t-triq tista titqies bhala dritta. It-triq hija ornamentata bi *flower-beds* mimlija sigar maturi, apertura miftuha u fl-ahhar nett, bini gholi erbgha sulari. Quddiem dan il-bini hemm bankini baxxi xi disgha centimetri u wesghin xi metru u sebgha w ghoxrin centimetru jew rampi tas-

siment minhabba fin-numru kbir ta’ garaxxijiet li hemm fis-sular t’isfel.

f. Illi fil-post tal-incident il-bankina hija gholja disgha centimetri u wiesgha metru u sebgha w ghoxrin centimetri, kellha diversi daqqiet u titjir frisk fix-xifer taghha. Framment minn din il-bankina nstab fl-entrata ta’ fond bla numru maghruf bhala Id-Dar Taghna. Il-framment kien fl-art ma gemb il-bieb li kien miftuh berah.

g. Quddiem dan il-bieb kien hemm sandlija tax-xellug ta’ mara u parti minn *windscreen* imfarrak u kwantita ta’ frammenti mferxin mal-art.

h. Fuq ir-rampa u fit-triq taht t-Toyota kien hemm roqghod kbira ta’ demm frisk fejn spiccat mixhuta mal-art il-mejta Ines Hamman.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2004 **xehed Joseph Xuereb** (fol 217) fejn qal li xi zmien ilu kien villeggjatura fil-post tieghu f’Marsalforn u semgha hoss bhal tisbita fi tnejn, wahda qisha arja u ohra l-bini jitrieghed u hareg jara x’kien gara. Qal li ra Ingliz fuq il-bankina w ghenu jqum. Qal li dan kellu rasu maqsuma u kien hemm karozza vicin tieghu. Qal li kien hemm xi ghoxrin pied distanza u li l-*pickup* kien tela fuq karozza li kienet mghafga go garaxx u l-koxxa tal-garaxx kienet mifqugha. Qal li peress li kien jafu, staqsih x’kellu u dan irrispondih ‘fiancee… fiancée…’. Qal li hu mar jittawwal u sab gisem ta’ turista ohra taht il-magna tal-*pick up*. Spjega li l-incident sehh bil-lejl u kien hemm dlam sewwa u dan nonostante pero kien hemm d-dawl tal-gvern w ghalhekk kien hemm dawl sew. Zied jghid li ftit ‘l fuq minn dan il-*pick up* kien hemm vettura tal-ghamla Renault bil-gemb taghha milqut.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2004 **xehdet Jennifer Cini** (fol 218) fejn qalet li f’Settembru 2002, kien sehh incident tat-traffiku fejn toqghod hi. Qalet li hi toqghod fi Triq r-Rabat, Malsalforn. Qalet li kienet semghet hoss kbir u harget tittawwal mill-gallarija u rat tnejn minn nies qishom jghajjtu u jghidu ‘ghax ghamilt hekk… ghax ghamilt hekk…’. Qalet li meta harset ’l isfel ma ratx il-karozza taghha li kienet ipparkjata hemm u nizlet tigri fejn rat *pick up* mahbut fil-karozza taghha. Qalet li kien hemm sid t-*truck* li beda jghid ‘hemm mara

hemm taht, hemm mara hemm taht.' Qalet li hemm veru kien hemm mara mimduda taht t-*truck* u kellha d-demm. Spjegat li l-karozza taghha bid-daqqa li qalghet imxiet tul ta' garaxx u dahlet fil-garaxx ta' wara, jigifieri fit-tieni garaxx 'l isfel u kienet ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tat-triq int u niezel lejn Marsalforn. Qalet li l-karozza taghha spiccat *total loss* u ma tistax tigi rrangata. Ix-xhud ikkonfermat x-xhieda li kienet tat fl-inkjesta nhar d-disgha ta' Settembru 2002, liema xhieda kienet simili ghal dik moghtija viva voce l-Qorti.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehdet Gail Bugeja** (fol 219) fejn qalet li hi ma kienetx presenti meta sehh l-incident ghaliex kienet il-Qbajjar. Qalet li kienet irceviet telefonata minn certu Joe Xuereb li qalilha biex tmur l-isptar peress li Ines u Matthew kienu klijenti taghhom u kienu nvoluti f'incident stradali.

Meta giet moqrija lilha x-xhieda li tat quddiem l-espert mahtur mill-Qorti, ix-xhud ikkonfermata fl-intier taghha. Mistoqsija jekk kienx hemm xi karozza pparkjati fuq ix-xellug tat-triq jharsu fid-direzzjoni ta' Marsalforn bir-Rabat warajha, ix-xhud qalet li kien hemm karozzi pparkjati. Qalet li l-karozza involuta f'dan l-incident kienet ghadha hemmhekk.

Meta giet murija l-iskizz redatt mill-Perit Gwodi Vella esibit fl-atti, ix-xhud ikkonfermat l-posizzjoni tal-karozza kif jidhru fih. Qalet li dak il-hin li waslet hi fuq il-post tal-incident, Matthew kien gia ittiehed l-isptar.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 2004 **xehdet Paula Spiteri** (fol 221) fejn qalet li hi toqghod Valley View, Block B, Flat 2, Triq r-Rabat, Marsalforn. Qalet li tiftakar li jum minnhom kienet semghet hoss kbir u kienet harget tara x'kien gara mill-gallarija. Qalet li dakinhar kienet rat *truck* li kien dahal f'zewg karozzi, wahda minnhom taghha u rat wkoll li kien hemm xi nies mweggha. Dahlet gewwa u cemplet ghal ambulanza w il-pulizija u regghet harget fil-gallarija. Qalet li ma nizlitx isfel ghaliex kellha tifel ta' sentejn u kienet tqila pero kien niezel zewgha. Qalet li l-karozza taghha kienet tal-ghamla Renault bajda u li

spiccat milquta. Qalet li bhala hsara kellha fuq in-naha tal-lemin ta’ wara. Wara li giet moqrija lilha x-xhieda li hi tat quddiem l-espert tal-Qorti, hi kkonfermatha u ziedet tghid li bhala hsarat ammontaw ghal mitejn u hamsin lira maltin. Qalet li fejn kienet ipparkjata l-karozza taghha kien hemm linja bajda pero ma kienetx tidher wisq, kienet iccarat. Qalet wkoll li l-karozzi li kienu pparkjati dakinhar kollha kienu mill-linja l-bajda ‘l gewwa. Qalet wkoll li wara ftit zmien l-linja regghet giet mizbugha.

Dwar il-karozza x-xhud qalet wkoll li d-daqqa kienet fuq il-karozza taghha pero l-*full impact* gie fuq il-karozza li kien hemm hdejha li kienet tal-ghamla Subaru. Meta giet murija r-ritratti tal-vettura taghha, immarkati bhala Dok. MX fl-atti, ix-xhud ikkonfermat l-hsarat hemm murija fl-istess ritratti. Mistoqsija jekk tkellmitx ma xi hadd fuq l-incident, qabel ma xehdet, hi wiegbet li kienet xehdet quddiem Dottor Joseph Grech.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2004 **xehed Dottor Anton Refalo** (fol 223) fejn qal li qisu xi minuta wara l-incident wasal fuq il-post. Meta gie muri l-i*sketch* esibit fl-atti redatt mill-Perit Gwido Vella, x-xhud qal li dakinhar fuq il-post hu kien ra lil imputata presenti fl-awla pero ma rahiex issuq il-vettura in kwistjoni. Qal li ra l-*pick up* taghha li kienu qalulu li kienet qed issuqu hi u li kien dahal fil-vettura tal-ghamla Subaru, li saret *total loss*, tal-klijenta tieghu. Qal li din il-vettura tal-klijenta tieghu kienet ipparkjata fil-gemb fuq in-naha tax-xellug kif wiehed ikun niezel Marsalforn. Ix-xhud ikkonferma l-posizzjoni tal-vetturi kif murija fl-istess pjanta.

Mistoqsi ghaliex qatt ma gie ndikat bhala xhud qabel, ix-xhud m’gharafx iwiegeb. Qal li dakinhar hu ra lil Ispettur u lil Dottor Joseph Grech. Qal li dakinhar tal-incident hu kien niezel d-dar, cemplulu u waqaf fuq il-post tal-incident, peress li hi fi triqtu. Qal li meta mar fuq il-post il-vittma ma kienetx hemmhekk. Ikkonferma li l-vetturi dakinhar rahom kif murija fuq il-pjanta.

Illi nhar s-sebgha t’Ottubru 2004 **xehed Dottor Julian Portelli** (fol 234) fejn qal li hu kien ra lil Inez Hannam fid-

disgha ta' Settembru ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-isptar Generali ta' Ghawdex. Qal li l-kondizzjoni taghha kienet wahda stabbli u kienet mitlufa minn sensiha u kienet fil-perikolu tal-mewt. Bhala griehi, x-xhud qal li din kellha f'rasha, kellha ferita fonda sal-ghadma fuq in-naha ta' quddiem ta' rasha, l-*forehead*. Kienet wkoll tibblidja mill-parti taghha b'risultat ta' ksur fil-*pelvis* u *haemorage* interna kif wkoll kellha feriti fuq il-koxxa tax-xellug, l-irkoppa. Zied jghid li din giet intubata u trasferita ghal isptar San Luqa. Mistoqsi ma x'hiex kienu kompatibbli dawn il-griehi, x-xhud wiegeb li m'incident tat-traffiku fejn giet intajjra minn karozza.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2007 **xehdet il-Professoressa Marie Therese Camilleri** (fol 280) fejn ikkonfermat r-relazzjoni taghha esibita fl-atti u ziedet tghid li Ines Mamman mietet rizultat ta' *hypo-volumic shock due to multiple injuries following a motor vehicle accident*.

Illi nhar t-tnax ta' April 2007 **xehdet l-imputata Michelle Borg** (fol 282) fejn qalet li nhar d-disgha ta' Settembru 2002, iddecidiet li tmur Ghawdex wara nofsinhar flimkien ma zewgha w it-tifel taghha ta' disgha xhur. Qalet li waslu hemm u marru jixtru x-Xaghra u hadu l-affarijiet fil-flat, kielu u marru dawra. Qalet li hi kienet qed issuq u nizlu x-Xlendi u wara marru Marsalforn. Qalet li f'dik t-triq kien hemm dawl tat-triq li taghti mir-Rabat ghal Marsalforn u huma u nezlin, hemm liwja fuq n-naha ta' xellug u kif jibda l-bini, lemhet persuna kwazi f'nofs t-triq. Qalet li minn fuq il-lemin kienu telghin xi karozzi mid-direzzjoni ta' Marsalforn lejn r-Rabat u hi kienet niezla fuq in-naha tax-xellug ta' din t-triq. Qalet li fuq ix-xellug taghha kien hemm diversi karozzi pparkjati.

Spjegat li l-persuna li rat kienet kwazi f'nofs t-triq, hdejn linji bojod. Qalet li hi dak l-hin zammet il-*brake*, kisret biex ma tolqtux u laqtghet karozza li kienet fuq x-xellug taghha. Qalet li hi kienet qed issuq bil-mod ghaliex maghha kellha t-tifel rieqed. Qalet li kienu ghaddew biss ftit sekondi minn meta rat din il-persuna u kisret. Qalet li wara li sehh l-incident hi marret tara jekk it-tifel kienx gralu xi haga u nizlet mill-karozza u bdiet tghajjat u twaqqaf lin-nies li

kienu nezlin. Kompliet tghid li zewgha nizel, fetah il-bieba tal-vann u qalilha li kien hemm persuna taht l-vann. Ziedet tghid li dak l-hin kellha xokk kbir fuqha. Qalet li l-persuna li spiccat taht l-vann taghha, qatt ma kienet ratha qabel.

Mistoqsija x'sar minnha l-persuna li kien hemm f'nofs t-triq, ix-xhud wiegbet li ma kienetx l-istess persuna li spiccat taht il-vann taghha, u wara l-incident saret taf li spiccat mixhuta mal-art f'nofs t-triq. Qalet li hi ma tafx kemm kien hemm distanza bejn il-karozza taghha mahbuta u l-persuna li kien hemm f'nofs it-triq mal-art u li hi spiccat l-isptar.

Ziedet tghid li hadd ma setgha jara l-incident dak l-hin ghaliex hi bdiet tghajjat ghal ghajnuna u n-nies bdew jigu wara w il-karozzi li bdiet twaqqaf, ma waqfux. Qalet li meta sehh l-incident kien d-dlam u li d-dawl tal-karozza taghha kien mixghul. Ix-xhud kompliet tghid li l-vann in kwistjoni kien ilha ssuqu minn mindu kellha l-licenzja u cioe minn meta kellha tmintax il-sena u dan l-incident sehh meta kellha erbgha w ghoxrin sena.

Qalet li zewgha jahdem fl-ghelieqi u hi minhabba li ghandha tfal zghar, u zewgha johrog kmieni ghax-xoghol, hi jkollha bzonn il-karozza. Qalet li hi tghix il-Mellieha.

Mistoqsija ghaliex meta xehdet fl-inkjesta lil Dottor Grech qaltlu li fil-fatt in-naha tax-xellug taghha rat xi nies jaqsmu, ix-xhud qalet li sa fejn taf hi, persuna wahda biss rat taqsam, anzi qalet li effettivament nies jaqsmu ma ratx, rat biss persuna wahda f'nofs ta' triq. Qalet li meta rat din il-persuna l-ewwel darba kienet boghod minnha xi hmistax il-pied u ratha fuq il-linja l-bajda.

Mistoqsija ghaliex fl-inkjesta kienet qalet li kienu 'l barra mill-karozzi pparkjati u dakinhar qed tghid li kienu mal-linja l-bajda, x-xhud wiegbet li ghaliex kienet mifxula. Qalet li hi ma kienetx miexja ssuq, pero *brake* ma zammitx u dawwret biss il-karozza lejn x-xellug meta rat l-persuna f'nofs ta' triq w ippanikjat. Qalet li ma tafx jekk kienx hemm xi tixrib hdejn il-bankina, ghalkemm fuq il-bankina

ma setghax ikun hemm ghaliex kien hemm karozzi pparkjati. Qalet li l-mejta taf li spiccat taht l-vann taghha filwaqt li l-vann taghha spicca laqat karozzi li kienu pparkjati u spiccaw bi hsara estensiva. Qalet li taf li kienet qed issuq b'xi erbghin, ghalkemm ma tafx jekk mili jew kilometri. Qalet li s-Subaru li kien ipparkjat spicca *total loss* u dan tafu mill-*insurance*. Qalet li fuq il-post lil Doctor Refalo ma ratux u jekk mar, wara ma tafx.

Illi nhar tn-tnax ta' April 2007 **xehed Mario Buttigieg** (fol 285) fejn qal li hu kien gie mqabbad mill-imputata sabiex jaghmel *reconstruction* tal-incident li sehh fi Triq r-Rabat, Marsalforn nhar d-disgha ta' Settembru 2002. Qal li l-imputata kienet qed issuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBA 293 dakinhar u kienet qed issuq b'velocita ta' bejn tmienja w ghoxrin jew erbgha w tletin mil-fis-siegha u dan wasal ghalih peress li applika l-metodu maghruf bhala Serel Method. Spjega li dan billi minn fejn sar l-impatt sa fejn ikun intremgha l-*pedestrian* jara d-distanza li giet kkonstatata minn fuq il-pjanta redatta mill-perit nominat waqt l-inkjesta u minn hemm ikun jista jigi stabbilit l-i*speed* li kienet ghaddejja bih l-imputata. Qal li bhala *reaction time*, l-imputata kellha biss .18 *of a second*. Zied jghid li rrizultalu li l-ewwel li kien fuq t-triq kien Matthew Smith u warajh kien hemm Inez Hamman. Qal li Matthew Smith kien intlaqat mill-vettura, intremgha u spicca fejn effettivament spicca bil-griehi. Inez Hamman inqabdet bejn s-Subaru w t-Toyota u spiccat taht il-vettura tal-imputata. Ix-xhud ippresenta wkoll r-relazzjoni realttiva li giet immarkata bhala dokument MB.

Illi nhar t-tnax ta' April 2007 **xehed Jeffrey Borg** fejn qal li hu jigi r-ragel ta' imputata u kien maghha meta sehh l-incident in dezamina. Spjega li dakinhar tal-incident kien mar Ghawdex ma martu u binhom u qabdu l-vapur tal-hamsa w nofs ta' filghaxija u minn hemm marru x-Xaghra jixtru u wara marru d-dar x-Xlendi, u peress li kien hemm hafna kwiet, iddecidew li jmorru Marsalforn. Kompla jghid li huma u nezlin fl-ewwel kisra, t-tifel beda jibki u dar lura u kif dar, semgha lil martu tghid 'ara… ara…' Qal li hu dak l-hin ma ra xejn ghax kien wiccu lura. Zied jghid li wara

nizel mill-karozza u ra li kien hemm persuna taht r-rota u spicca b'xokk kbir u spicca jitlaq jigri u jghajjat u jipprova jwaqqaf il-karozzi pero hadd ma waqaf.

Ix-xhud kompla jghid li nduna li l-persuna li kien hemm f'nofs t-triq, kellha bzonn l-ghajnuna, pero wara qamet bil-qeghda fuq il-bankina u staqsiha kellhiex bzonn xi haga.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx minn fejn giet il-mara li spiccat mejta taht r-rota, wiegeb li ma kienx jaf u li jaf kien li spiccat mejta taht r-rota ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug tal-karozza.

Mistoqsi kemm kien hemm boghod bejn il-persuna li kienet f'nofs t-triq u l-vettura taghhom meta kienet mahbuta, x-xhud wiegeb li inqas mill-wisgha tal-awla.

Mistoqsi jekk jiftakarx dak li qal quddiem l-espert tal-Qorti fl-istadju tal-inkjesta, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx.  Qal li dakinhar kien konfuz b'dak li kien gara.  Qal li huma dahlu f'karozza wahda u laqtu l-*bumper* ta' karozza ohra.  Qal li martu kien ilha ssuq xi ftit sighat qabel l-incident sehh u dik l-unika vettura li ssuq fil-fatt.  Qal li dakinhar tal-incident bil-mod kienu nezlin.  Mistoqsi jekk t-triq kienetx imxarrba x-xhud wiegeb li ma jidhirlux li kienet.  Qal li dawl fit-triq ma kienx hemm pero d-dawl tal-vann kien mixghul. Qal li bozza wahda biss kien hemm aktar l-isfel fejn sehh l-incident ghaliex t-triq kollha bla dawl.

Mistoqsi jekk hu semmiex l-kelma 'rqad' meta xehed fl-inkjesta, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf, ghalkemm qal li hu beda jghajjat.  Qal li wahda mill-karozzi li kienu pparkjati qalghet daqqa sewwa u spiccat *total loss*.  Qal li kemm kienet miexja l-mara bil-vettura ma kienx jaf ghalkemm kienet miexja bil-mod.  Qal li jiftakar li meta xehed fl-inkjesta hu kien qal li l-mara tieghu ma kienetx qed issuq bi *speed* kbir.  Qal li hu ma rax nies fit-triq pero semgha lil martu tghid li riedet tiskapula xi nies fit-triq.

Ikkunsidrat ulterjorment:
Illi jirrizulta bic-car li l-incident awtomobilistiku sehh meta l-imputata, li kienet qed issuq il-vettura taghha tal-ghamila

Toyota *pick up* bin-numru ta’ registrazzjoni DBA 293 nhar d-disgha ta’ Settembru 2002 ghal habta ta’ l-ghaxra w nofs ta’ bil-lejl, niezla lejn Marsaslforn gejja mid-direzzjoni tar-Rabat, fid-daqqa w l-hin tilfet il-kontroll tal-vettura taghha ghaliex qalet li f’nofs t-triq rat xi persuna u sabiex tevitaha, baqghet diehla go vettura pparkjata w imbuttata ghal fuq rampa quddiem il-garaxx, fil-bieb tal-istess garaxx u laqtet u qatlet nvoluntarjament mara u cioe Inez Hamman u feriet lil gharus taghha certu Matthew Smith, oltre li kkwazat danni nvoluntarji.

Jirrizulta skond r-relazzjoni tal-Perit Gwido Vella, li fit-triq ma kien hemm xejn li kkontribwixxa ghal dan l-incident tant li anke dawl tal-gvern kien hemm fuq il-bieb tal-garaxx proprju fejn sehh l-incident.

Jirrizulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit li l-vettura ma kellha ebda hsara li setghet ikkontribwiet ghal dan l-incident.

Ma hemmx dubbju ghalhekk, fid-dawl tas-suespost li hija l-imputata li trid tirrispondi ghas-sewqan taghha u cioe sabiex tipprova li l-incident ma sehhx tort taghha.

Illi l-imputata xehdet fl-istadju tal-inkjesta a tempo vergine tal-investigazzjoni fejn qalet li hija ma kienetx qed isuq b’sahhitha ghaliex maghha kellha t-tifel u zewgha u li f’ daqqa wahda rat xi nies hergin mix-xellug tal-vettura taghha ‘l barra mill-vetturi li kienu pparkjati, pero kemm ‘l barra ma tafx, hija nhasdet, ma kienetx taf x’ser taghmel ghaliex mid-direzzjoni opposta kienu telghin xi vetturi w ir-reazzjoni taghha, kienet tali li gibdet lejn ix-xellug u sehh l-incident.

Illi l-imputata regghet xehdet viva voce l-Qorti hames snin wara fejn spjegat f’aktar dettal dak li kien sehh hames snin qabel.

Hi spjegat li hi u niezla lejn Marsalforn, gejja mid-direzzjoni tar-Rabat, lemhet xi persuni f’nofs ta’ triq, ippanikkjat, kisret lejn ix-xellug biex ma tolqothomx u laqtet karozza ipparkjata. Mistoqsija tghid x’sar mill-

persuna li kienet rat f'nofs ta' triq l-imputata wiegbet li ma kienetx il-persuna li kienet taht il-vettura taghha.

Mistoqsija ghaliex waqt l-inkjesta kienet qalet li rat persuna taqsam t-triq, l-imputata qalet li ma tafx ghaliex qalet hekk ghaliex persuni jaqsmu fit-triq, ma ratx.

Mistoqsija ghaliex waqt l-inkjesta kienet qalet li n-nies kienu 'l barra mill-karozzi pparkjati u viva voce l-Qorti qalet li kienu f'nofs ta' triq, l-imputata wiegbet li dakinhar tal-inkjesta kienet mifxula. Regghet pero tenniet li ma kienetx qed issuq ghalkemm brake ma zammitx. Qalet li dawret il-karozza lejn x-xellug meta rat il-persuna f'nofs ta' triq - kif wkoll meta ppanikkjat (fol 284).

Illi ghalhekk l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti hu li tara jekk s-sewqan tal-imputata kkontribwiex ghal incident.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ma kien hemm ebda traffiku iehor li setgha fixkel lil imputata fis-sewqan taghha, u dan ghaliex l-uniku traffiku li semmai kien dak gej mid-direzzjoni opposta, li ma telliefiex.

Ma hemmx dubbju wkoll li s-sinistrati kienu njoti, ghal affari taghhom fuq il-bankina, u konsegwentement la kienu *intruders*, la kienu *hazards* ghal imputata u lanqas b'xi mod issorprendewha tant li fil-fatt, l-imputata ma rathom fl-ebda hin u mistoqsija tghid kif il-mejta Inez Hamman spicct taht il-vettura, taghha, l-imputata ma kienetx f'posizzjoni li tispjega.
Illi ghalkemm l-imputata kienet irregolari w inkonsistenti fid-deposizzjoni taghha, kif gie sottolineat, hi dejjem sostniet li fil-mument tal-incident kienet qed issuq b'mod regolari tant li kellha speed ta' xi erbghin mil jew kilometru, ghaliex kellha lil binha minuri maghha, ghalkemm Mario Buttigieg, fir-relazzjoni tieghu jghid li l-imputata kienet qed issuq bi speed inqas.

Ghandu jinghad pero s-segwenti:

Illi min verament ikun qed isuq b'dan l-mod u jkun wkoll sobriju, ma jitlifx il-kontroll tal-vettura tieghu u jispicca nvolut f'incident daqshekk fatali;

Illi l-fatt li l-imputata:
a. dahlet go karozza ipparkjata,
b. tefghetha go rampa u f'bieb ta' garaxx;
c. spiccat telghet bankina,
d. ikkawzat hsarat kbar tant li laqtet zewg vetturi, qatlet persuna u feriet ohra;
e. u dan meta ma kien hemm assolutament xejn xi jfixkilha;

huwa prova xjentifikament riskattabbli li l-allegazzjoni tal-imputata ma hiex verosimili, anzi l-istess fatti hawn elenkati juru proprju il-kuntrarju u jindikaw li l-imputata kienet qed issuq b'manjiera bla kont, perikoluza u traskurata.

Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha sollevat li l-fatti 'n dezamina, kienu biss rizultat t'*inevitable accident* u dan ghaliex, fil-fehma taghha, il-vittmi kienu mexjin fit-triq.

Illum huwa ormai assodat il-principju li kif jghid il-**Gibb** fil-ktieb ***Trial of Motor Car Accident Cases*** [pagna 52 - sezzjoni 51]

*"It is well settled that no one can set up the plea of sudden emergency if his own negligence gives rise to the emergency."*

Illi s-suespost kien wkoll pecedentement affirmat fil-gurisprudenza lokali mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hmistax ta' Mejju 1926*** fl-ismijiet **Ciantar v Gatt** per Onorevoli Mhallef Luigi Camilleri fejn kien gie citat il **Chirani** fejn kien gie affermat dan l-istess punt meta ntqal:

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore o delle stato di necessita' quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si*

*commette allora al comportamento giuridicamente a normale ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizzate dal dolo o dalle colpe precedente."*
Illi l-imputata tichad li kellha xi speed eccessiv u li dan setgha kkontribwixxa ghat-telf ta' kontroll tal-vettura taghha.

Il-Qorti hawnhekk dahlet *in funditus* dwar din il-kwistjoni ta' *speed* proprju minhabba dak li gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar d-disgha ta' Gunju 1962*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Portelli** fejn intqal li:

*"Mhux bizzejjed pero li jinghad li l-imputat kien qieghed isuq bi speed qawwi zzejjed … imma jinhtieg li wiehed jara jekk bejn dak l-ispeed w is-sinistru kienx hemm n-nexus ta' kawza prossima w immedjata." [vide* ***Il-Pulziija v Manuel Schembri per Onorevoli Imhallef William Harding, datata tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1949****].*

Illi din il-Qorti, kellha l-opportunita li tghix il-gbir tal-provi f'dan il-process. Sa mill-bidu nett hi sodisfatta mill-ezistenza ta' din il-konnessjoni ta' kawzalita bl-aktar mod dirett stante li post l-imputata fis-sewqan kien fil-karreggjata, fit-triq u qatt fuq ir-rampa tal-garaxx mahbuta go karozza.

Illi konsegwentement din il-Qorti hija sodisfatta minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni, li l-incident in dezamina, bir-rizultat fatali tieghu, hu unikament attribwibbli ghas-sewqan traskurat, perikoluz u bla kont li bih kienet qed issuq l-imputata.

Illi kif gia gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius** ***deciza per Onorevoli Imhallef Joseph Flores nhar t-tmienja ta' Mejju 1969;***

*"Hu ovvju li r-reat ta' sewqan perikoluz u b'manjiera bla kont, kif ukoll dak ta' sewqan b'velocita qawwija huma fatturi u elementi tar-reat gravi t'omicidju nvoluntarju … pervist fl-artikolu 239, [illum 225] tal-Kodici Kriminali."*

Illi kif gie wkoll ritenut mill-***Qorti tal-Magistrati fis-sentenza moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Settembru 1992*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Abela**, kif **konfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Mejju 1993**, u li taghha d-difisa taghmel referenza fin-noti taghha, d-disposizzjoni tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, fil-latitudini tal-piena fil-kontemplata hu konsanu ma principji rikonoxxuti in materia w ghalhekk konformament ma l-ahjar gurisprudenza tat-Tribunal Lokali ghandha ssir is-segwenti distinzjoni bejn:

a. Kaz fejn il-*criminal misconduct* jikkonsisti per ezempju f'velocita deliberatament w ezageratament eccessiva jew f'sewqan b'manjiera periokoluza – bhal min jaghmel uzu minn *brakes* li huma difettuzi, u cioe fejn ikun hemm "*a selfish disregard for the safety of the road users or their passengers or who have driven recklessly.*"***[Principles of Sentencing – D.A. Thomas – Second Edition pg. 87]; u***

b. Kaz li min isuq b'mod traskurat jew li jikkommetti biss *error of judgment*, nonostante l-fatt li kieku kellu l-hila mehtiega kien jista jevita d-disgrazzja, bhal meta wiehed ma jikkalkolax tajjeb c-cirkostanzi ta' sorpass.

Illi ghar-rassenja ampja f'dan r-rigward issir referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet mill-**Qorti tal-Appell Kriminali per l-Onorevoli Imhallef William Harding** fl-ismijiet **Il-Pulizija v AIC Lewis Borg** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1947***; Il-**Pulizija v Toni Meilaq** ***deciza nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1948*** u **Il-Pulizija v Corporal Raymond Thomas Moore** ***deciza nhar l-hmistax ta' Dicembru 1956.***

Illi ghalhekk ai fini ta' piena huwa wkoll l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir li l-imputata, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali, u dan kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' April 1951*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v**

**Joseph Formosa** u fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Agius deciza *nhar t-tmienja ta' Mejju 1969*** kwotat mid-difiza fin-nota taghha.

In fatti, kif gie affermat fil-kawza fl-ismijiet **Rex v Rose** – ***1938 – 20 Crim. App. R. 166***;

*"No offence varies so much in gravity as manslaughter. One must look at the circumstances in each particular case and see whether it is an offence which calls for severe or mitigated punishment."*

Illi ghalhekk, huwa pacifiku li meta, bl-agir tieghu, imputat jassumi deliberatament atteggjament li hu perikoluz ghal inkolumita mhux biss tieghu nnifsu, imma anke tan-nies li jkollu mieghu w utenti ohra tat-triq allura.

*"Sentences of imprisonment are generally considered apparopriate in cases of causing death by dangerous driving whther there is an element of deliberate risk taking on the parti of the offender." [Criminal Law Review – March 1968 – pg 171]*

Illi del resto, kif jghid l-**Finnis** f'***Natural Law and Natural Rights*** pagna 86:

"Il-hajja hija wara kollox *a first basic value, corresponding to the driver for self preservation*' liema valur jigi arbitrarjament imcahhad lis-sinistrat b'dan l-uzu skonsiderat tal-vettura.

Illi s-suespost qed jinghad meta hawn si tratta ta' uzu traskurat, perikoluz u bla kont ta' vettura mekanizzata li f'cirkostanzi simili ghal dawk li rrizultaw mil-fatti kif esposti f'din il-procedura m'hi xejn hlief *a weapon of offence*, fejn f'ambiti akkademici u legislattivi l-aktar aggornati diga qed tinstema' l-ghajta li:

*"We should therefore expect all drivers who kill by deliberately driving at others to be prosecuted for MURDER, and expect manslaughter convictions to be returned only on those who make out the defences of*

*provocation or diminished responsibility, or who can put forward some convincing explanation … to explain why they did not appreciate the enormous risk to life and limb in what they did.” [**Motor Vehicles as Weapons of Offence** – **J.R. Spencer**; **The Criminal Law Review** – 1985 – p.30]*

Illi tali atteggjament tant jidher li huwa wiehed radikat anke fis-sistema legali taghna, li t-tribunali lokali kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ilmentaw minn din l-attitudini meta rritenew li:

a. “… il-pieni li kienu qed jinghataw f’hafna kazijiet t’omicidju nvoluntarju kienu irreali u jaghtu wiehed x’jahseb li l-hajja ta’ bniedem f’pajjizna, hija rhisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi haga serja.” [**Il-Pulizija v Mark Galea** – ***Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Carmel A. Agius datata hmistax ta’ Ottubru 1987***].

b. “Il-piena preskritta mill-ligi ghar-reat in kwistjoni u cioe meta gie kommess, qabel m’ghaddew l-emendi ricenti ghal Kodici Kriminali, hija l-prigunerija li ma teccedix l-sentejn jew il-multa. Illum tant il-Legislatur hass l-htiega li izid il-piena f’dan r-reat, li piena ghal dan r-reat hi piena ta’ prigunerija sa erbgha snin u multa li ma teccedix l-hamest elef lira maltin. Din l-emenda pero ma tapplikax ghal kaz in dezamina peress li r-reat sehh fis-sena 2002.

Din il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk kienx hemm xi cirkostanza aggravanti sabiex tapplika piena karcerarja, per ezempju:

a. jekk l-imputata kienet taht l-effett ta’ xorb;
b. jekk kienetx qed issuq bi speed eccessiv w esagerat;
c. Jekk injoratx xi kliem li setghu qalulha passiggieri li kienu riekba maghha biex tnaqqas l-ispeed jew sabiex tibddel s-sewqan taghha;
d. Jekk ikkommettietx reat iehor filwaqt ta’dak l-istess reat nvoluntarju per ezempju, ma kellhiex

licenzja tas-sewqan jew li ma kellhiex polza tas-sigurta li tkopriha;
e. Jekk kien hemm aktar minn persuna wahda li tilfet hajjitha;
f. Jekk kellhiex xi conviction fuq s-sewqan taghha.

Illi minn ezami tal-fedina penali taghha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax li kien hemm xi wiehed minn dawn l-aggravanti presenti.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, filwaqt li **l-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputata MICHELLE BORG hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 225, 226, 328 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ghal multa massima permessa fil-ligi fiz-zmien meta gie kommess r-reat u cioe dik ta' hames mitt (500) lira maltin filwaqt li tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan taghha ghal perjodu ta' sentejn (2) mill-lum ai termini tal-artikolu 30(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundannaha thallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Gwido Vella [fol 182], Doctor Michael Sammut [fol 30], Professoressa Marie Therese Camilleri u Doctor Safraz Ali [fol 37], Joseph Zammit [fol 67] u l-perit legali Dottor Joseph Grech [fol 122] fl-ammont komplessiv ta' sitt mija w ghaxar liri maltin u tmienja w sebghin centezmu [LM 610.78].**

**Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li ghalhekk is-somma komplessiva ta' elf mija w ghaxar liri u tmienja w sebghin centezmu (LM1110.78) tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u f'kaz li l-imputata tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc**

**dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------